**Minuti tal-449 laqgha tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgha 13 ta' Mejju, 2015**

Il-laqgha bdiet fis-6.00 ta' filghaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgha.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u s-Sur John J Pace.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius dahal ghal-laqgha fis-6.15 ta' filghaxija.

Inqrat ittra ta' skuża mibghuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tiġi skużata milli tattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Jospeh Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tiġi skużata.

L-Ambaxxatriċi Lokali ghaż-Żghażagh is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet skużata.

Item 1 – Impjegati tal-Kunsill

Is-Sindku qal illi ftit tal-hin ilu l-Kunsill kien irċieva ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-hatra ta' Isabella Testaferrata de Noto bhala Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'effett mit-13 ta' Mejju, 2015. Is-Sindku qal ukoll illi skont il-*legal notice* li kien ġie ppubblikat mis-Segretarjat Parlamentari tal-Kultura u Gvern Lokali f'paragrafu 9.1 hemm indikat illi l-impjieg tas-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto mal-Kunsill Lokali ta' Haż-Żabbar jibqa' bis-sehh bi dritt li terġa' lura tahdem fil-Kunsill kemm il-darba hija ma tibqax taqdi l-kariga taghha fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal illi kull *replacement* taghha fil-Kunsill ta' Haż-Żabbar ikun temporanju (*back to back*) sakemm hija tirritorna lura ghall-impjieg li kellha fil-Kunsill ta' Haż-Żabbar. Is-Sindku żied jghid li dan il-każ kien differenti minn meta l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Sharon Camenzuli marret tahdem f'post iehor. F'dan il-każ, il-Kunsill setgha joġġezzjona, qal is-Sindku.

Is-Sindku qal illi huwa diġa kien tkellem mas-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto u qaltlu li kienet lesta li taħdem mal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar sal-aħħar ta' Mejju 2015.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill tliet *options* relatati ma' ingaġġ ta' impjegati fil-Kunsill. Is-Sindku semma l-possibilità li tinħareġ sejħa *back to back* għall-kariga ta' *Assistant Principal Officer* (Skala 11)) sakemm tirritorna lura s-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto. Alternattiva oħra hi li l-Kunsill ikompli bid-deċiżjoni li kien ħa li tinħareġ sejħa għall-kariga ta' *Assistant Principal Officer* (Skala 11) peress illi l-Kunsill diġa għandu permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ sabiex tinħareġ din is-sejħa. It-tielet *option* tkun li tinħareġ sejħa ġdida jew għal skrivan/a (skala 15) jew għal uffiċjal eżekuttiv (skala 13).

Fis-6.15 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu kien ser ikun diffiċli għall-Kunsill sabiex isib persuni eliġibbli għal *Assistant Principal Officer* (Skala 11) li lesti jaħdmu *on a back to back basis*.

Il-Viċi-Sindku, is-Sur Domenic Agius, qal illi ma jaqbilx li s-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto tmur bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fuq bażi *back to back* u dan peress illi kienet ser tkompli tinħoloq problema amministrattiva għall-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-impjieg tas-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-possibiltà ta' impjieg ġdid *back to back* fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar m'humiex deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kunsill ma jistax iwaqqaf dan l-ingaġġ milli jsir taħt dawn il-kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-ħatra tal-impjegata u għar-regolamenti maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari tal-Kultura u Gvern Lokali dwar l-għażla biex isservi fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi fil-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jafx kemm wieħed ikun korrett meta jgħid illi l-Kunsill ma jistax jitlob lis-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto sabiex tagħti n-*notice* skont il-liġi u li l-Kunsill ma jistax jitlob li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u dan peress illi l-impjegata mhux impjegata taċ-Ċivil u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mhiex Kunsilli Lokali iżda entità separata li għandha r-regolamenti għaliha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-fatt anke ir-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.06 jagħmlu distinzjoni minn dawk tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal illi hu wkoll kien innota dan u ħa parir mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, mill-konsulenti tal-Onorevoli Dr Stefan Buontempo u mill-Assistent Direttur is-Sur Pio Farrugia li aċċertawh li dan l-impjieg tas-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali m'għandux bżonn il-kunsens tal-Kunsill biex isir u qiegħed isir skont dawn ir-regolamenti.

Is-Sur Brian Spiteri qal li ma jaqbilx kif qed isiru l-affarijiet fejn impjegati tal-Kunsill jitilqu mingħajr ebda pre-avviż, approvazzjoni jew diskussjoni mal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku x'ser tkun il-pożizzjoni jekk għal xi raġuni s-Segretarju Eżekuttiv ikun indispost u temporanjament ikun irid jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li jekk tinqala' din is-sitwazzjoni l-Kunsill jitlob direzzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sur Mark Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu ikun iktar faċli għall-Kunsill sabiex isib persuna li lesta taħdem bħala skrivan/a (Skala 15) *back to back* mal-Kunsill Lokali.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għal skrivan/a (skala 15) u jkompli bil-proċess għall-ingaġġ ta' *Assistant Principal Officer* (Skala 11).

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-fatt illi s-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto ser titlaq mingħajr pre-avviż kif stipulat, mhux biss ser iwassal biex ċertu xogħol li kienet għada m'għamlitx u xogħol ieħor li kien ġie assenjat lill-impjegata jibqa' ma jsirx minnha, iżda ser jitfa' aktar piż fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill li issa ser tkun komposta biss minn tliet impjegati, Uffiċjal Eżekuttiv li qiegħda fuq *reduced hours*, *Assistent Principal Officer* li qiegħda issegwi kors darbtejn fil-ġimgħa l-Università ta' Malta u Uffiċjal Eżekuttiv li għadu kemm beda l-impjieg tiegħu mal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-450 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku